



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.2.2021

C(2021) 1383 final

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-proposta emendata għal Regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) {COM(2020) 579 finali}.*

*Kif tinnota l-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni tagħha, l-għan ta' din il-proposta huwa li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-mod li bih l-ispazju tal-ajru Ewropew jiġi organizzat u ġestit permezz ta' riforma tal-industrija li tipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Il-Kamra tad-Deputati tfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-Avjazzjoni (2015), li ttejjeg lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw il-proposta inizjali tas-SES2+ tal-2013 u jaħdmu lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (Single European Sky - SES), ir-Rapporti Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-modernizzazzjoni tal-SES u tal-ATM (2017 u 2019, rispettivament), u r-Rapport tal-Għorrief tal-2019 li fih rakkomandazzjonijiet dwar il-futur tas-SES. Minbarra konsultazzjonijiet u studji estensivi oħra li rriżultaw fi, pereżempju, l-Istudju dwar l-Arkitettura tal-Ispazju tal-Ajru, dan ix-xogħol serva bħala l-bażi għar-riforma proposta mill-Kummissjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew.*

*L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt lill-Unjoni li taġixxi f'dan il-qasam, li hu wieħed ta' kompetenza kondiviża. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jfittex li jissalvagwardja l-kapaċità tal-Istati Membri li jieħdu deċiżjonijiet u jaġixxu u jawtorizzaw intervent mill-Unjoni biss meta l-oġġettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jkun jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, "minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta". Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, min-natura u s-sustanza tagħha, taffettwa l-ispazju tal-ajru Ewropew kollu. Barra minn hekk, il-moviment transfruntier ta' oġġetti, servizzi, kapital u persuni jiddependi fuq l-avjazzjoni, li għalhekk tiġi ttrattata bl-aktar mod effiċjenti fil-livell tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, it-traffiku tal-ajru Ewropew jiffunzjona bħala network, u l-kisba tal-għanijiet tal-Ajru Uniku Ewropew jirrikjeddu l-involviment ta' varjetà ta' partijiet interessati fl-Istati Membri kollha, li fosthom hemm l-utenti kollha tal-ispazju*

*Dr Anġlu Farrugia*

*Il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti*

*Il-Parlament ta' Malta*

*Misraħ il-Ħelsien*

*MT - VALLETTA VLT1010*

*tal-ajru Ewropej, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, u l-ajruporti. Dawn l-għanijiet jistgħu jinkisbu biss permezz ta' azzjoni fil-livell Ewropew, li tkun tirregola l-pożizzjoni, il-kondotta u l-kooperazzjoni ta' dawn il-partijiet interessati kollha.*

*Il-Kamra tad-Deputati tibża' li l-iskema proposta mill-Kummissjoni tista' twassal għal żidiet fil-piż amministrattiv u għal spejjeż oġhla min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Hija tappella kontra miżuri ġodda li jistgħu jaffettwaw is-sovranià tal-Istati Membri u r-responsabbiltajiet tagħhom lejn istituzzjonijiet internazzjonali.*

*F'dan ir-rigward, id-distinzjoni proposta tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandha l-għan li tiżgura indipendenza akbar tal-awtoritajiet kompetenti għas-sorveljanza tas-sikurezza minn dawk kompetenti għar-regolamentazzjoni ekonomika. Sabiex tiġi evitata żieda fl-ispejjeż u fil-piż amministrattiv, l-Istati Membri jistgħu jattribwixxu l-kompiti tal-awtorità superviżorja nazzjonali lil xi regolatur ekonomiku eżistenti fil-livell nazzjonali jew lill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.*

*L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament propost tkun mingħajr preġudizzju għas-sovranià tal-Istati Membri fuq l-ispazju tal-ajru tagħhom u għar-rekwiżiti tal-Istati Membri relatati mal-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u kwistjonijiet ta' difiża. Ir-Regolament propost ma jkoprix operazzjonijiet u taħriġ militari. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament propost tkun ukoll mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u d-dmirijiet tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.*

*Il-Kamra tad-Deputati wkoll ma taqbilx mal-estensjoni tal-ambitu tar-responsabbiltajiet u tal-ambitu tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali u raġunijiet oħra.*

*Il-forniment esklużiv ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru wara deżinjazzjoni minn xi Stat Membru li jkun diġà fl-iskema ta' prestazzjoni attwali jinkludi regolamentazzjoni tal-prestazzjoni ekonomika, tas-sikurezza u ambjentali tal-fornituri deżinjati. Il-Kummissjoni, inkarigata mill-implimentazzjoni ta' din l-iskema, hija appoġġata f'dan il-kompitu minn korp konsultattiv. Il-kompiti li qed jiġu proposti li jingħataw lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (European Aviation Security Agency - EASA) li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (u li għalihom huwa propost li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/1139) ma jinvolvux xi diskrezzjoni politika. Dawn il-kompiti jkunu jinkludu fost l-oħrajn: il-valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għas-servizzi en route, l-għoti ta' opinjonijiet lill-Kummissjoni u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi regolati fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, bis-sistema ta' appell proposta, l-iskema ta' prestazzjoni ssir aktar aġli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li dawn il-kompiti ma għandhomx impatt fuq is-sigurtà nazzjonali u fuq l-obbligi nazzjonali lejn ICAO.*

*Il-Kamra tad-Deputati tesprimi wkoll tħassib serju fir-rigward tal-possibbiltà li l-EASA, fl-aġir tagħha bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, tapplika miżuri korrettivi, li jistgħu jinkludu d-delega tal-forniment tas-servizzi lil xi fornitur ieħor tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tassigura lill-Kamra tad-Deputati li l-ħruġ ta' miżuri korrettivi huwa, min-natura tiegħu, soġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità. Rekwiżit li jiġi ddelegat il-forniment ta' servizz lil xi fornitur ieħor jista' jiġi impost biss fejn ikun "oġġettivament meħtieġ" biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, kif jiddikjara espliċitament it-test propost. F'każ li xi fornitur ta' servizz deżinjat ma jimplimentax, parzjalment ma jimplimentax, jew jimplimenta b'mod skorrett il-miżuri korrettivi mitluba mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Kummissjoni tkun intitolata tieħu azzjoni.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tindika, f'dan ir-rigward, li jrid ikun hemm konsegwenzi għannuqqas ta' kisba tal-miri ta' prestazzjoni jew għannuqqas ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni sabiex jiġi żgurat li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata, u li n-natura vinkolanti ta' dawk il-miri u pjanijiet tkun tista' tiġi infurzata.*

*Fil-kunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tqis li l-proposta la tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà, u lanqas kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità.*

*Bi tweġiba għal preokkupazzjonijiet oħra msemmija fl-Opinjoni Motivata tagħha, il-Kummissjoni tixtieq tirreferi lill-Kamra tad-Deputati għall-Anness mehmuż.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw il-kwistjonijiet imsemmija mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku fil-ġejjieni.*

*Dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefcovič  
Viċi President*

*Adina Vălean  
Membru tal-Kummissjoni*



## **Anness**

*Il-Kummissjoni kkunsidrat bir-reqqa l-kwistjonijiet kollha msemmija mill-Kamra tad-Deputati u bi pjaċir toffri l-kjarifiki addizzjonali li ġejjin.*

- 1) *Il-Kamra tad-Deputati ssostni li l-proposta ma tittrattax il-kriżi tal-COVID-19 u l-impatt tagħha.*

*Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposti leġiżlattivi jqis it-tnaqqis sinifikanti fit-traffiku tal-ajru minħabba l-kriżi attwali. Ir-riforma proposta hija ta' natura strutturali u tfittex li tiżgura l-iskalabbiltà, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'kunsiderazzjoni tat-titjib fit-tul tas-sistema. Il-proposta tittratta l-kriżi attwali u kull kriżi futura li twassal għal varjazzjonijiet sinifikanti fit-traffiku tal-ajru billi tintroduċi l-iskalabbiltà tas-sistema bħala objettiv.*

- 2) *Il-Kamra tad-Deputati tesprimi tħassib dwar l-introduzzjoni ta' rata unitarja komuni, li tista' tirriżulta f'żieda fir-rata unitarja preżenti.*

*Bħala miżura ambjentali biex l-utenti tal-ispazju tal-ajru ma jitħallewx itiru fuq rotot itwal li jevitaw żoni b'imposti oġhla, l-istabbiliment ta' rata unitarja komuni tinċentiva lill-utenti tal-ispazju tal-ajru biex itiru fuq rotot iqsar, b'mod partikolari fi żminijiet ta' konġestjoni. Il-Kummissjoni tfakkar li, skont it-termini tal-proposta, is-setgħa tagħha li tistabbilixxi rata unitarja komuni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tkun tinkludi s-setgħa li tistabbilixxi "regoli u proċeduri dettaljati". Kull att f'dan is-sens ikun preċedut minn analiżi bir-reqqa.*

- 3) *Il-Kamra tad-Deputati tiddikjara li l-modulazzjoni tal-imposti fil-livell tal-UE bħala inċentivi tista' toħloq distorsjoni f'oqsma mhux intenzjonati u tappella għal valutazzjoni tal-effettività tagħha biex tinċentiva mgħiba ambjentali mill-linji tal-ajru.*

*Fir-rigward tal-iskema ta' imposti, it-test propost jistipula li l-imposti għandhom jiġu modulati biex il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-ajruporti u l-utenti tal-ispazju tal-ajru jiġu mħeġġa jappoġġaw, fost l-oħrajn, it-titjib fil-prestazzjoni ambjentali. Qed jiġi propost ukoll li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi dettalji aktar preċiżi. L-imposti en route għandhom jiġu modulati fil-livell Ewropew, b'mod armonizzat, biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-ġustizzja, kundizzjonijiet ekwi u l-effettività ta' tali miżuri fin-network pan-Ewropew kollu. Il-benefiċċji tal-modulazzjoni tal-imposti en route jistgħu jimmaterjalizzaw biss jekk titjira tiġi inċentivata b'mod simili kullimkien. Barra minn hekk, l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni huwa, min-natura tiegħu, transfruntier.*

- 4) *Il-Kamra tad-Deputati għandha dubji dwar il-valur miżjud tal-proposti fl-Artikolu 8 (kundizzjonijiet rigward il-forniment ta' CNS, AIS, ADS, MET u servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal) u u 12 (klassifikazzjoni ta' servizzi tan-*

navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal), filwaqt li ddikjarat li dan ma kienx soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.

*Is-separazzjoni sħiħa obbligatorja tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 8 tqieset fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta inizjali tas-SES2+ fl-2013. Fil-proposta attwali, l-akkwist ta' servizzi CNS, AIS, ADS u MET huwa possibbli (iżda mhux obbligatorju), fejn ikun jista' jsir titjib fil-kosteffiċjenza.*

*Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jkunu evitati diskriminazzjoni, sussidjar reċiproku u distorsjoni tal-kompetizzjoni, is-servizzi en route jenħtieġ li jkunu separati mil-lat organizzattiv minn servizzi oħra tan-navigazzjoni bl-ajru. Dan l-approċċ ikun mingħajr preġudizzju għall-għażla dwar jekk is-servizzi msemmija hawn fuq ikunux akkwistati taħt kundizzjonijiet tas-suq jew le. Jekk jiġu akkwistati b'dan il-mod, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkunu responsabbli mis-sorveljanza tal-applikazzjoni korretta tar-rekwiżiti tal-akkwist.*

*Il-Kummissjoni wettqet studju biex tikkwantifika l-benefiċċji possibbli tal-akkwist tas-servizzi tad-data ATM b'mod partikolari, skont il-kundizzjonijiet tas-suq<sup>1</sup>. Il-fatt li l-akkwist taħt kundizzjonijiet tas-suq huwa volontarju mhuwiex ekwivalenti, iżda pjuttost oppost, għal approċċ ta' "wieħed tajjeb għal kulħadd". L-Istati Membri, u rispettivament il-fornituri tas-servizzi maħtura tagħhom, ikollhom il-flessibbiltà li jagħżlu mudell ta' negozju kif jixraq lilhom.*

- 5) *Il-Kamra tad-Deputati tiddikjara li l-Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru ma jistax jiġi applikat bl-istess mod għal Malta bħal fi Stati Membri oħra.*

*L-Artikolu 33 dwar l-Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru kif jidher fil-proposta ta' riformulazzjoni ttieħed fil-parti l-kbira mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004, li huwa applikabbli bħalissa. Żdied biss rekwiżit ċar li l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru għandu jiġi żgurat "b'konsistenza mal-"Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew". Barra minn hekk, ir-rekwiżit li l-kunċett ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru jrid jiġi applikat b'mod "uniformi" tneħħa mit-test tal-proposta.*

---

<sup>1</sup> <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/fd53d20f-3b60-11eb-b27b-01aa75ed71a1>